MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 1050/2000/1

**Yumei Zhang**

**v.**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan hu appell ad istanza ta' l-intimat Tabib Principali tal-Gvern minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2004 li fiha gie deciz kif ser jinghad

hawn taht. Ghall-ahjar intendiment tal-vertenza, is-sentenza appellata qeghda tigi riportata *in toto*:
"**Il-Qorti,**

**"Preliminari**

"**Rikors ta' Yumei Zhang**

"Ir-rikorrenti ppremetiet li hija giet notifikata b'ittra ufficjali data 3 ta' Novembru, 1999, li permezz taghha l-intimat qieghed jesigi l-hlas ta' elfejn u sebghin Lira Maltija (Lm2,070) dovuta lilu ghal kura u servigi moghtija lilha mit-22 ta' Novembru, 1998 sal-14 ta' Dicembru, 1998 (ara Dok "A" fol 15 ).

"Illi l-esponenti qieghda tipprevalixxi ruhha mill-beneficcju lilha moghti permezz tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u trid li topponi l-imsemmija talba ghas-segwenti ragunijiet u cioe` :

"1. Illi fl-ewwel lok l-imsemmija ittra ufficjali ma' ottjeniet ebda effett fil-Ligi peress li kunjomaha mhux "Shang" izda "Graham Zhang" stante li izzewget persuna ta' nazzjonalita` Maltija u kwindi ma' akkwistat ebda effikacja legali di fronte tal-istess esponenti ;

"2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, fil-meritu l-esponenti mhux obbligata li teffettwa dan il-hlas, ghax kif okkorrendo ser tipprova jekk ikun il-kaz, hi kienet tippossjedi il-kwalitajiet legali kollha fil-Ligi sabiex jezentawha mill-hlas in kwistjoni ;

"Ghaldaqstant l-esponenti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qieghda titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara it-talba tal-intimat bhala wahda infondata.

"**Rat ir-risposta tal-konvenut a fol. 8** fejn issottometta:

"Illi mir-rekords dipartimentali jirrizulta illi r-rikorrenti kienet hadet servigi u trattament fl-Isptar San Luqa fil-perjodu mit-22 ta' Novembru sa l-14 ta' Dicembru, 1998.

"Illi minkejja diversi ittri fejn gie mitlub illi r-rikorrenta tipprezenta evidenza illi l-istess qed thallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali ai termini ta' l-Avviz Legali 147 ta' l-1989, l-intimat ma kellu ebda risposta u ghalhekk inbdew proceduri sabiex tingabar is-somma ta' elfejn u sebghin Lira Maltija (Lm2,070).

"Ghaldaqstant l-intimat in vista tal-premess umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara lir-rikorrenta debitrici ta' l-intimat u tordna l-hlas tas-somma fuq imsemmija bl-ispejjez.

"Rat l-atti kollha tar-rikors;

"Semghet ix-xhieda bil-gurament;

"Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 37 fejn il-Qorti cahdet l-ewwel opposizzjoni tar-rikorrenti ghall-ittra ufficjali ta' l-initimat.

"Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

"**PROVI**

"*Applicant testified that she stayed about two weeks in hospital. She was put in the psychiatric unit. When she asked to be released she was told that she could not be so released. She was informed that the police wanted to keep her in hospital because they wanted to deport her. Then she was arraigned in Court and was acquitted.*

"*She married on 14th December 1999. fol 34. She started working in Malta about 1998.*

"Michael Grech xehed li ir-rikorrenti ghandha *l-freedom of movement* mill 31 ta' Jannar 2000. Hi kellha *work permit* mill 29/7/98 sal 31/8/99. Dan il-permess gie terminat mill-ETC fit 3/10/98. Hareg *work permit* iehor mill 28/5/99 sad-29/2/2000. Dan kien gie revokat xahar wara. Imbaghad izzewwget Malti fl 14/12/99 u minn hemmhekk 'l quddiem tawha l-freedom of movement. Bejn Novembru u

Dicembru 1998 ma kelliex work permit billi kien gie kancellat f'Ottubru 1998.

"David Galea - xehed li r-rikorrenti kienet rikoverata bejn 22/11/98 u 28/11/98 ghal ugiegh f'sidhirha. Hu m'ghandux indikazzjoni fir-*record file* li hija kienet talbet biex tohrog mill-isptar.

"Paul Caruana xehed li r-rikorrenti dahlet l-isptar fit 22-ta' Novembru 1998 u giet *discharged* fl-14 ta' Dicembru 1998. Ghamlet 28 gurnata bil Lm85 kuljum oltre xi spejjez ohra.

"**KONSIDERAZZJONIJIET**

"Illi l-intimat qed jitlob is-somma ta' LM2070 ghall-kura u servigi moghtija lir-rikorrenti fl-isptar bejn it-22 ta' Novembru 1998 u 14 ta' Dicembru, 1998. L-intimat qed jitlob dawn il-flus minghand ir-rikorrent billi, skond hu, hi ma kientix intitolata ghall-kura b'xejn mill-isptar a tenur ta' A.L. 147/89.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrenti kienet hadmet Malta b'*work permit* ghal xi snin. Bejn id-29/7/98 u 31/8/99 hija kellha *work permit* validu. Izda dan il-permess kien gie kancellat mill-ETC fit-3/10/98 billi l-impieg tar-rikorrenti fil-Pennang Restaurant kien gie terminat mill-employer taghha. Bejn Novembru u Dicembru 1998 hi ddahhlet l-isptar.

"Kien inhargilha *work permit* iehor fit-22/1/99 li pero` gie revokat xahar wara cjoe` fil-25 ta' Frar, 1999. Ir-rikorrent kienet izzewget Malti fl-14 ta' Dicembru, 1999 cjoe` wara li kienet marret l-isptar.

"Ir-rikorrenti qed issostni li l-*work permit* taghha kien tnehhilha ingustament u f'dak il-perjodu giet rikoverata l-isptar biex tigi deportata. Hi kienet tpoggiet f' *psychiatric ward* u talbet biex tigi rilaxxjata mill-isptar izda rrifjutaw li jirrilaxxjawha billi kienet hemm biex tigi deportata. Fil-fatt hi kienet tressqet il-Qorti biex tigi dikjarata immigranta pprojbita ghax ma kellhiex biex tmantni lilha nnifisa u ghax

qalu li kienet mignuna. Izda l-Qorti tal-Magistrati kienet illiberatha billi ma rrizulta xejn minn dana (ara sentenza a fol. 68).

“Illi l-intimat qed isostni li r-rikorrenti ma kenitx cittadina Maltija meta giet rikoverata l-isptar u ghalhekk ma kinitx intitolata ghall-kura b’xejn imma kellha thallas.

“Mill-provi prodotti pero` jirrizulta li r-rikorrenti, ghalkemm ma kinitix cittadina Maltija meta kienet giet rikoverata l-isptar, hija giet mizmuma hemmhekk biex tigi deportata. Skond ir-rikorrenti, li ma gietx kontradetta, hi nzammet f’ *psychiatric ward* u ma kinitx giet rilaxxjata ghalkemm kienet ghamlet talba f’dan is-sens.

“Il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghas-sentenzi App. Kum. Kummissarju ta’ l-Art vs John Lowell noe deciza fis-26 ta’ Ottubru 1987 (Vol LXX1 p2 p 510 ) u ghas-sentenza Azzopardi vs Malfiggiani et PA 5/6/1902 Vol XV111 p3 p 69 fejn dawn is-sentenzi jittrattaw dwar il-possibilita` li l-Gvern juza poteri differenti u personalitajiet distinti tad-dipartiment tal-Gvern biex jew ihassar kuntratti jew jaghti ordnijiet konfliggenti.

“Fl-ewwel kaz il-Kummissarju ta’ l-Art kien fittex biex jiehu lura post mikri lill-konvenut ghaliex dana zammu maghluq u ma ghamilx uzu minnu meta fil-fatt li gara kien li l-Kummissarju tal-Pulizija kien issospenda l-licenzja tal-konvenut u ordnalu biex jibqa’ maghluq. Il-Qorti kienet iddecidiet li l-konvenut ma kienx naqas mill-obbligi tieghu u kienet osservat oltre li f’dan il-kaz kemm il-Kummissarju ta’ l-Art kien qed jidher bhala “*duly authorised by the Government*” kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija kien qed jagixxi bhala ufficjal pubbliku, impjegat tal-Gvern, meta ssospenda l-licenzja lill konvenut.

“L-istess fil-kaz ta’ Azzopardi vs Malfiggiani. Il-konvenuti bhala amministaturi tat Teatru Rjali kienu gew mitluba minn naha l-wahda biex issir performance u minn naha l-ohra biex izommu t-teatru maghluq minhabba l-ordni pubbliku. F’dak il-kaz il-Gvern ma setghax juza poter

wiehed biex jissospendi licenzja u minn naha l-ohra jitlob it-terminazzjoni tal-lokazzjoni.

"Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, il-Qorti tifhem li r-rikorrenti ma kellha ebda tort meta l-*work permit* taghha gie abuzivament kancellat (jew f'okkazzjoni ohra revokat) u lanqas li hi giet mizmuma l-isptar kontra r-rieda taghha.

"Jirrizulta li r-rikorrenti nzammet l-isptar ghax kien hemm proceduri biex tigi deportata u eventwalment irrizulta li dawn kienu fuq akkuzi li kienu fabbrikati. Illi ghalhekk ma jistax l-istat min-naha wahda jissospendi abusivament b'id wahda work permit jew izommok fl-isptar kontra r-rieda tieghek u b'id ohra jitlob li jithallas ghall kura li suppost tak.

"**DECIZJONI**

"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li r-rikors ghandu jintlaqa' fis-sens li tiddikjara li r-rikorrenti mhiex obbligata li teffettwa l-hlas mitlub fl-ittra ufficjali (dok. A fol. 15).

"Spejjez ghall-intimat."

**<u>L-APPELL TA' L-INTIMAT TABIB PRINCIPALI TAL-GVERN</u>**

2.1. L-intimat Tabib Principali tal-Gvern hassu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell minnha ghall-fini ta' revoka u dan ukoll bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata.

2.2. L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni zbaljata tal-provi prodotti. Huwa ma jaqbilx ma' dak li gie ritenut mill-Qorti ta' l-ewwel grad li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mir-rikorrenti appellata ma gewx effettivament kontradetti u mxejna mid-deposizzjonijiet li nghataw minn David Galea, u s-sur Caruana (sic!). Ix-xiehda u l-provi prodotti juru, dejjem skond l-appellant, li l-appellata Yumei Zhang giet ammessa fl-Isptar San Luqa bhala pazjenta sabiex tigi investigata ghall-ugiegh fis-sider u baqghet hemm

rikoverata ghal tmienja u ghoxrin (28) jum. Ma kienx minnu ghalhekk, isostni l-appellant, dak li xehdet l-appellata illi hija giet in segwitu trasferita f'"psychatric unit". Hemm provi li juru li l-appellata ma kenitx ta' nazzjonalita` Maltija jew li fid-dati li fihom kienet rikoverata fl-isptar hija kienet tgawdi minn xi ezenzjoni kif hemm previst taht Avviz Legali 147 tal-1989. Hija ddahlet ghall-kura taht il-harsien tal-konsulent mediku Dottor Alfred Caruana Galizia, li huwa "Consultant Physician", u mhux psikjatra. Anke li kieku kien minnu li l-appellata nzammet gewwa l-Isptar kontra r-rieda taghha ad istanza tal-Pulizija, tali stat ta' fatt ma kienx bizzejjed biex jezentaha milli thallas. Ghalhekk l-ammont mitlub ta' Lm2,070 kien realment dovut.

3.1. Min-naha taghha, l-appellata fil-bidu ma wiegbet xejn ghar-rikors ta' appell u lanqas dehret fl-udjenza biex tirribatti l-aggravji tal-kontroparti appellanti. Aktar tard, pero`, u meta l-appell gie differit ghas-sentenza, l-appellata intavolat rikors fid-19 ta' Jannar 2007 li fih, fost hwejjeg ohra, allegat li "ir-rikors ta' appell odjern (sic) gie notifikat bl-affissjoni u l-esponent ma kenitx taf bl-ezistenza tieghu" u ghalhekk xtaqet li hi wkoll "taghmel is-sottomissjonijiet taghha". Din il-Qorti pprovdiet billi akkordat lill-appellata l-fakolta` li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, li fil-fatt giet ipprezentata fis-27 ta' Frar 2007.

3.2. Fost hwejjeg ohra, l-appellata issollevat ukoll id-dezerzjoni tar-rikors ta' l-appell ghar-raguni li, skond hi, "l-appell odjern ma giex notifikat lill-esponenti fiz-zmien li trid il-ligi". Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-process, ma jidhrilhiex li l-appellata ghandha ragun dwar din il-pregudizzjali. Fil-fatt mill-atti jirrizulta li l-appell gie pprezentat <u>fit-13 ta' Frar 2004</u> u l-appellata giet innotifikata bir-rikors ta' l-appell fl-indirizz moghti minnha <u>fil-20 ta' April 2004</u>. Jekk <u>bhala fatt</u> ir-rikors ta' l-appell, hekk servut, m'ghaddhiex f'idejn l-appellata, ghalkemm tali nuqqas seta' potenzjalment jirrendi n-notifika nulla, jibqa' l-fatt pero` li l-appellata m'hijiex tattakka l-validita` tan-notifika kif saret *ut sic*. Hija, minflok, tallega li ma giex notifikat lilha l-appell <u>fiz-zmien li trid il-ligi</u> – meta dan

m'huwiex il-kaz. Li gara hu li wara li l-appell gie appuntat ghas-smiegh, b'digriet ta' din il-Qorti moghti fit-30 ta' Gunju 2006, ghas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2006 hija ma kienitx giet notifikata bl-avviz ta' smigh. Kien biss l-avviz tas-smigh u mhux ir-rikors ta' l-appell li ha sal-1 ta' Dicembru 2006 biex gie nnotifikat tramite l-procedura tal-pubblikazzjoni. Mill-atti jirrizulta li fil-mori tal-proceduri, l-appellata biddlet ir-residenza taghha minghajr pre-avviz lil hadd u ghalhekk ma kellhiex tippretendi li l-appellant ma setax jipprevalixxi ruhu, kif ghamel, billi jiehu wahda mill-mizuri procedurali moghtijin mil-ligi ghall-fini ta' notifika. Dan apparti wkoll il-konsiderazzjoni li, fl-ahhar mill-ahhar, l-appellata b'xi mod kienet saret taf bl-ezistenza ta' dana l-appell u talbet il-fakolta` li taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwar l-appell, kif diga` inghad *supra*.

Ghalhekk il-pregudizzjali tad-dezerzjoni hija infondata u qed tigi respinta, b'dana li din il-Qorti sejra issa tikkonsidra wkoll is-sottomissjonijiet maghmulin mill-appellata fin-nota taghha fuq imsemmija, flimkien ma' l-aggravji ta' l-appellant.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza dwar talba ghall-hlas maghmula mill-intimat appellant fil-konfront ta' l-appellata huma semplici hafna. It-Tabib principali tal-Gvern baghat ittra ufficjali lill-appellata, persuna ta' nazzjonalita` barranija (ta' lanqas fil-mument meta allegatament hija giet rikoverata fl-Isptar San Luqa) fejn interpellaha biex thallsu s-somma ta' elfejn u sebghin lira Maltija (Lm2,070) "dovuta lilu ghall-kura u servigi moghtija (lilha) mit-22 ta' Novembru sal-14 ta' Dicembru 1998". Din l-ittra saret u ntbaghtet ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Permezz ta' rikorsipprezentat mill-appellanti Yumei Zhang, l-appellata kkontestat din l-interpellazzjoni u talbet dikjarazzjoni li t-talba ta' l-intimat (appellant odjern) kienet wahda infondata.

5. Din il-Qorti tibda billi tosserva li dak li kellu jkun ezercizzju semplici ta' verifika dwar dak li qed tghid naha u ohra, irrizolva ruhu fi procedura kkaratterizzata

b'negligenza u nuqqas ta' professjonalita` grossolana ghal dak li hu l-mod kif il-partijiet ressqu 'l quddiem il-kaz rispettiv taghhom. Il-Qorti sejra taghti rezokont succint tal-provi prodotti biex tiddimostra din il-kostatazzjoni xejn felici li ghadha kif ghamlet dwar il-kawza.

6. Mar-rikors promotorju, ir-rikorrenti Yumei Zhang esebiet bhala Dok A dik li suppost kienet l-ittra li riedet tikkontesta. Bi zball evidenti, hija esebiet, minflok, ittra ufficjali mibghuta mill-intimat lil xi hadd bl-isem ta' 'Mustafa Hayama' li m'ghandu x'jaqsam proprju xejn mal-kaz. Ir-rikors promotorju gie pprezentat fis-26 ta' Mejju 2000 u l-ewwel accenn li sar, din id-darba da parti ta' l-intimat, li l-ittra esebita ma kellhiex x'taqsam mal-kaz kien in data tat-8 ta' Novembru 2000, meta l-kawza marret *sine die*. Il-kawza giet riappuntata fil-15 ta' dak ix-xahar fuq rikors ta' Yumei Zhang, flimkien ma' l-ittra ufficjali korretta. Fis-27 ta' Novembru 2002, l-ewwel Qorti ddisponiet minn pregudizzjal sollevata mir-rikorrenti stess fis-sens li hija kienet giet iccitata b'kunjom errat fl-ittra ufficjali spedita lilha u kwindi din kienet nulla. Din il-pregudizzjali giet respinta, u ma sarx appell minn din id-decizjoni. Bhala l-ewwel xhud gie prodott xi hadd indikat bhala "Michael Grech" (ara verbal tas-seduta tad-9 ta' April 2003) minghajr lanqas ma biss ma' hemm l-icken indikazzjoni ohra dwar il-kariga li jokkupa. "Mr. Grech" (Xiehda a fol. 46) xehed dwar il-"work permit" tar-rikorrenti u prezumibbilment dan hu l-istess xhud li fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2003 gie indikat bhala "Michael Grech", bla ma pero` jissemma' x'imkien x'kariga kien jokkupa x-xhud. Xehdet imbaghad brevement ir-rikorrenti fejn qalet li damet madwar gimghatejn rikoverata l-Isptar San Luqa, bla ma tispecifika pero` ghal-liema raguni ddahlet jew kif sabet ruhha rikoverata hemmhekk. Hija tghid biss li "*they put me in the Psychiatric Unit – They told me that I could not be released*". B'mod xott hafna hija tghid li fil-frattemp il-Pulizija riedet tiddeportaha minn Malta u tieqaf hemm. *Rebus sic stantibus*, huwa ghalhekk kollu inutli li fl-istadju ta' l-appell, l-appellata tqanqal kwistjonijiet dwar abbuz ta' poter allegatament ipprattikat fil-konfront taghha meta l-awtoritajiet qabdu u irtirawlha l-"*work-permit*". Il-Qorti ta' l-Appell, bhala qorti ta' revizjoni tezamina l-provi li jkunu

gew prodotti fl-ewwel istanza u m'hijiex qeghdha hemm biex tikkunsidra sottomissjonijiet dwar fatti li ma jirrizultawx, jew li ma johorgux sufficjentement b'mod car, mill-istess provi hekk prodotti. Fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2003, xehed certu David Galea, ghal darb'ohra bla ebda indikazzjoni kwalsiasi tal-kariga jew funzjoni tieghu. Id-deposizzjoni qasira ta' dan ix-xhud sejra tigi riprodotta interament ghax, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghandha importanza sew ghar-rizoluzzjoni gusta ta' din il-vertenza (ara fol. 51-52 tal-process):

"Qorti (sic): skond il-file r-rikorrenti kienet rikoverata l-Isptar San Luqa darbtejn, fl-1993 <u>u fl-1998. Fl-1998 bejn it-22 ta' Novembru u t-28 ta' Novembru</u>. Indikazzjonijiet li f'dan il-perjodu hija qatt talbet biex tohrog mill-isptar (sic). <u>Hi kienet qed tigi investigata mhabba ugiegh f'sidirha</u> u kieku hija talbet biex tohrog mill-isptar kien ikollna rekord fil-file. Kienet dahlet l-isptar taht il-kura ta' Dr. Alfred Caruana Galizia. Waqt li kienet qeghdha l-isptar kienet taht il-kura tieghu". (Il-kelma "sic" tra parentisi u s-sottolinear huma ta' din il-Qorti).

Jidher evidenti li din id-deposizzjoni nghatat interament mix-xhud David Galea, minkejja li giet inkluza l-kelma "Qorti" fix-xiehda. Ghal darb' ohra, din il-Qorti tirrileva li, rinfaccjata b'tali xiehda, ir-rikorrenti appellata kellha kull opportunita` li tressaq il-lanjanzi taghha f'dak il-mument, izda minn dan kollu ghazlet li ma taghmel xejn. Jigi wkoll rilevat li quddiem l-ewwel Qorti l-"file" mediku relattiv ma giex esebit, lanqas il-parti rilevanti li dwarha xehed Galea – u lanqas l-istess appellata ma talbet li l-"file" taghha jigi esebit. Dan il-"file" mediku – li kien essenzjali sabiex jigu stabbiliti certi fatti importanti dwar l-appellata – tfacca biss <u>fl-istadju ta' l-appell ad istanza ta' l-appellant u dan minghajr id-debita awtorizzazzjoni</u>. Din il-Qorti m'hijiex sejra tordna l-isfilz tieghu ghar-raguni li fl-ewwel lok ma kien hemm ebda opposizzjoni ghall-produzzjoni tieghu min-naha appellata, u ghaliex ukoll jidhrilha li jkun fl-ahjar interess tal-gustizzja li jkun esebit ma' l-atti l-ghaliex fl-ahhar mill-ahhar ghandu rilevanza kbira fil-kaz in ezami.

7. L-ahhar xhud li gie prodott kien jismu Paul Caruana. Dwaru wkoll ma hemmx indikat minimament x'jaghmel pero` billi dan xehed il-hin kollu b'riferenza ghat-trattament mediku moghti lill-appellata, wiehed ghandu bilfors jipprezumi li dan kien funzjonarju civili addett ma' l-amministrazzjoni ta' l-Isptar San Luqa jew mad-Dipartiment tas-Sahha. Dan ix-xhud jghid li l-appellata dahlet l-Isptar San Luqa fit-22 ta' Novembru 1998 u giet "discharged" fl-14 ta' Dicembru ta' l-istess sena. Skond Caruana din damet l-isptar 28 gurnata (!) u kellha thallas bir-rata ta' Lm85 *per diem* bhala "hospitalisation fee" oltre l-ammont ta' Lm50 ghal servizz li ma harigx fit-traskrizzjoni tax-xhieda (fol. 61), kif ukoll Lm150 ghal 'scan' tal-pulmuni. Mistoqsi, darba darbtejn, jekk iz-zmien indikat mix-xhud kienx jinkludi wkoll fih kemm il-pazjenta damet fis-"psychiatric unit", ix-xhud ghazel li jirreferi biss ghal dak li hu sejjah "in-patient treatment" u evita ghalhekk milli jirrispondi specifikatament ghad-domanda maghmula lilu mil-legali ta' l-appellata. Jghid izda li "jekk pazjenta tkun fis-"psychiatric unit" hi tigi "cargjata wkoll Lm85" (fol. 62) u jieqaf hemm bix-xhieda tieghu.

8. Darba li nghatat daqstant importanza lill-"file" mediku ta' l-appellata, din il-Qorti kienet tistenna li xi hadd mill-partijiet jitlob li dan jigi esebit. Imma, kif gia` intqal, dan tfacca biss ghall-gharrieda fl-istadju ta' appell. Darba li l-appellata kienet qeghda tallega li sfat trasferita minn sezzjoni medika ghal ohra psikjatrika u darba li l-intimat appellant insista li dan ma kienx il-kaz ghaliex ukoll il-pazjenta kienet taht il-kura tal-konsulent Dottor Alfred Caruana Galizia, din il-Qorti kienet tistenna wkoll li xi wahda mill-partijiet jipproduci lil dan il-konsulent bhala xhud taghha, imma ma sar xejn minn dan.

9. Fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2002, ir-rikorrenti appellata dehrilha opportun li tipprezenta att ta' zwieg li jindika li hija zzewget lil Joseph Graham fl-14 ta' Dicembru, 1999 (ara Dok YZ1, fol. 34). Din il-Qorti ma tara l-ebda rilevanza f'dan id-dokument ghall-fini ta' din il-vertenza. Jinghad pero` li dan gie esebit in sostenn ta' l-ewwel pregudizzjali sollevata mir-rikorrenti li, gustament, gie michud mill-ewwel Qorti b'sentenza *in parte* tas-27 ta' Novembru,

2002. Ghal xi raguni li jafha hu biss, l-intimat appellant deherlu opportun li jerga' jesebixxi kopja fotostatika ta' dan l-att taz-zwieg (a fol. 64 tal-process)! Mieghu gew esebiti zewg "e-mails" kontenenti taghrif dwar xi permessi ta' xoghol f'Malta li seta' kellha l-appellata fiz-zmien li kienet l-Isptar. Fl-20 ta' Ottubru, 2002 ir-rikorrenti esebiet kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Awissu 1999 in konnessjoni ma' proceduri kriminali li ttiehdu kontriha taht l-Artikolu 5 tal-Kap. 217 ghall-fini ta' deportazzjoni bhala immigranta illegali, liema talba ghad-deportazzjoni giet respinta.

10. Din il-Qorti gharblet is-sentenza appellata fid-dawl tal-provi prodotti. Ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-retroxena rigwardanti l-"work permit" li kellha l-appellata u li pero` jirrizulta li f'kull kaz gie kkancellat fit-3 ta' Ottubru 1998, din il-Qorti jidhrilha l-analisi maghmula mill-ewwel Qorti hija ineccepibbli. Imbaghad l-istess Qorti kompliet hekk:
"Illi l-intimat (i.e. l-appellant odjern) qed isostni li r-rikorrenti ma kenitx cittadina Maltija meta giet rikoverata l-isptar u ghalhekk ma kinitx intitolata ghall-kura b'xejn imma kellha thallas.

"Mill-provi prodotti pero` jirrizulta li r-rikorrenti, ghalkemm ma kinitix cittadina Maltija meta kienet giet rikoverata l-isptar, hija giet mizmuma hemmhekk biex tigi deportata. Skond ir-rikorrenti, li ma gietx kontradetta, hi nzammet f'psychiatric ward u ma kinitx giet rilaxxjata ghalkemm kienet ghamlet talba f'dan is-sens.

11. Kif gia` inghad, il-"file" relattiv gie esebit habta u sabta fl-istadju ta' l-appell – ara fol. 20 – 95 tal-process. Fl-ewwel entrata (fol. 21) hemm indikat fih li Yumen Zang (recte Yumei Zhang) iddahhlet fis-CCU (Coronary Care Unit), Sptar San Luqa, fil-25 ta' Novembru 1998 taht il-harsien ta' Dr. Caruana Galizia. Fit-tieni dokument, intitolat "Hospital Activity Analysis" (fol. 22 u fol. 23), hemm imnizzel li l-pazjenta ddahlet l-Isptar fit-22 ta' Novembru 1998, imbaghad giet trasferita fis-CCU fil-25 ta' Novembru, 1998.

12. Id-dokumenti minn fol. 26 sa fol. 61 huma ghal kollox irrelevanti ghaliex jirreferu ghal zewg kazi precedenti (u mhux wiehed, kif inghad zbaljatament mix-xhieda ta' l-intimat) fis-snin 1993 u 1997.

13. L-istorja medika ta' l-appellata terga' tirrafigura fid-dokument a fol. 62 ta' l-atti ta' l-appell. Fih tirrizulta ghal darb'ohra d-data ta' ammissjoni fl-isptar, u cioe` fit-22 ta' Novembru 1998 mentri fil-parti bit-titlu "date of discharge" ma tirrizulta l-ebda data. Fid-dokument (a fol. 63 ta' l-atti ta' l-appell) maghmul mid-Dipartiment ta' l-Emergenza hemm imnizzel bhala ilment li l-pazjenta kienet qeghdha ssofri minn "Palpitations accompanied by dizziness, nausea". L-entrati taht "clinical notes", a fol. 68 sa 72, huma importanti wkoll ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza ghaliex jindikaw kjarament u b'mod inekwivoku li l-appellata baqghet tircievi attenzjoni medika fl-Isptar in konnessjoni mal-kundizzjoni li kienet tinsab fiha almenu sad-data tas-26 ta' Novembru 1998 (hamest ijiem). Rilevanti wkoll l-entrata fil-"file" (a fol. 68) bid-data tal-24 ta' Novembru 1998 li tghid hekk "Request Psychiatric Consultation". Fil-25 ta' Novembru 1998 (fol. 71), dejjem tal-Coronary Care Unit, kien hemm ri-ezami tas-sitwazzjoni tal-pazjenta u, fost ohrajn, insibu hekk,
"(Patient) very fearful of the unknown and tormented by the events that have happened low in mood as she tries to solve her problems. MSE: calm and cooperative".

Id-dokumenti a fol. 71 *et sequitur* huma rilevanti hafna ghal fini ta' attendibilita` ghaliex juru mhux biss li parti mid-deposizzjoni moghtija mill-funzjonarji prodotti b'xhieda mill-intimat appellant kienet *in parte* skorretta, u *in parte* addirittura falza, imma turi anke illi parti mis-sottomissjonijiet maghmulin mil-legali ta' l-appellant, jigifieri mill-Avukata Dottor Brigitte Gafa` u l-Prokuratur Legali Alan Scicluna kienu bbazati fuq fatti skorretti – kostatazzjoni li ggib il-kundanna inekwivoka ta' din il-Qorti. Kien ikun ferm ahjar ghal-legali ta' l-appellant li dawn jiffokaw fuq dak li kien jirrizulta fil-"file" mediku li gie esebit minnhom stess milli joqghodu jintilfu fuq il-punt dwar jekk l-appellata kenitx ezenti milli thallas jew le – u dan *multo*

*magis* meta dan il-punt kien gia` gie adegwatament kopert bi provi relativi.

14. Fid-dokument a fol. 72 relattiv ghad-data tas-26 ta' Novembru 1998 hemm in-notament segwenti fl-ahharnett tal-faccata relattiva:-

"May be transferred from CCU.
To contact psychiatrist.
Dr. A. Caruana Galizia".

Fid-dokument a fol. 73, fost notamenti ohrajn, insibu hekk (id-data tmur lura ghall-25 ta' Novembru 1998):-
"Asked to review pt. by nursing staff because she mentioned to the security officer that she was suicidal.

X X X

– omissis –

"Keep constant watch".
Id-dokument a fol. 74 datat is-26 ta' Novembru 1998 addirittura jirreferi esplicitament ghal "Psychiatric Review". Insibu fih inoltre t-taghrif li gej:-
"She does not mind being transferred to medical ward or to the psychiatric unit, <u>until the police finish the investigation</u>". (sottolinear tal-Qorti)

U mill-gdid,
"From cardiac and medical point of view she is discharged. Dr. Caruana Galizia was informed by Dr. M. Xuereb.

A VQ scan is booked for tomorrow. Dr. David Cassar, Consultant Psychiatrist was informed and he advised that she may be transferred to psychiatric unit."

X X X

– omissis –

"Dr. J. Saliba, Director of Psychiatry was informed and he gives permission for the patient to be nursed in psychiatric unit under constant supervision (even though there is another constant watch in P U).

"Dr. Rapa, superintendent of St. Lukes was informed that the patient can be transferred to psychiatric unit". (sottolinear tal-Qorti).

15. Quddiem evidenza bhal din, din il-Qorti ma tasalx biex tifhem is-sottomissjoni segwenti ta' l-intimat – ara para 5, sub-inciz (b), a fol. 3 ta' l-atti fl-appell:
"Ix-xiehda ta' Yumei Zhang giet anke kontradetta mis-Sur Caruana fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2003. Dan ix-xhud spjega illi l-ammont dovut kien ghal-28 gurnata li damet l-isptar kif ukoll ghal scan tal-pulmun. Dan minnu nnifsu jorbot ma' l-ugieh fis-sider u mhux kif allegat l-appellata ma' investigazzjoni li ssir fis-'Psychiatric unit'. Ghandu jinghad ukoll illi mix-xhieda prodotta, jirrizulta fatt wiehed cioe` illi Yumei Zhang inzammet l-Isptar ghal investigazzjoni medika mhux psikjatrika."

Il-"file" relattiv pero` juri mod iehor. Din il-Qorti tispera li b'daqstant l-appellant ma riedx jaghti lill-Qorti x'tifhem li l-Isptar San Luqa jservi wkoll bhala "gulag" psikjatriku ghaliex jekk tassew il-pazjenta ma kellhiex ghalfejn tigi trasferita f'"psychiatric unit', allura jsegwi illi hija ma kien messha ntbaghtet qatt hemmhekk.

16. F'kull kaz jirrizulta li l-pazjenta baqghet tircievi attenzjoni u kura medika sad-data tat-28 ta' Novembru 1998, u mhux kif pretiz falsament mill-intimat sad-data tal-14 ta' Dicembru 1998. Imqar jekk il-pazjenta setghet inzammet hemm sa din id-data, l-entrati fil-"file" a fol. 75 u 76 tar-"records" ta' l-Isptar jghidu car u tond (data tat-28 ta' Novembru 1998) li:

"She can now be discharged from the medical point of view."

17. Din il-Qorti m'hijiex lesta li tikkunsidra bhala fondata l-pretensjoni ta' l-intimat in kwantu estiza fuq perijodu ta' 28 jum – li in verita` lanqas tikkombacja mad-dati moghtija

minnu stess, jigifieri mit-22 ta’ Novembru 1998 sal-14 ta’ Dicembru 1998! Dini il-Qorti jidhrilha invece li l-appellata ghandha thallas talli giet realment rikoverata l-Isptar San Luqa bejn it-22 ta’ Novembru 1998 sat-28 ta’ Novembru 1998 u meta suppost hija kellha tigi “discharged”. Isegwi ghalhekk illi l-appellata ghandha thallas ta’ sebat (7) ijiem kura u allogg fl-imsemmi sptar bir-rata – mhux kontestata – ta’ Lm85 *per diem*, jigifieri Lm595 kif ukoll ta’ ‘scan’ tal-pulmun li sarilha fis-27 ta’ Novembru 1998 u li kien estiz ukoll ghall-jum sussegwenti, jigifieri t-28 ta’ Novembru 1998 (ara l-“Clinical Notes” a fol 75 ta’ l-atti fl-Appell), b’kollox ghalhekk ghas-somma ta’ seba’ mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm745.00).

18. In vista ta’ dak li gie deciz, din il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fir-rigward tal-kap ta’ l-ispejjez. Dawk relattivi ghall-ewwel istanza ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs (50 : 50) bejn il-kontendenti, filwaqt li dawk relattivi ghall-appell ghandhom jibqghu, minkejja l-fatt li t-talba ta’ l-intimat appellant giet parzjalment akkolta, interament a karigu ta’ l-istess appellant. Dan qieghed isir ghar-raguni illi li kieku l-intimat appellant ma halliex sa l-istadju ta’ l-appell biex jesebixxi l-“file” mediku relattiv, il-probabilita` hija li lanqas kien ikun hemm il-htiega li jigi interpost appell ghaliex il-“file” mediku li gie esebit kien jixhet dawl bizzejjed fuq kif kienu sewwa sew il-fatti tal-kaz in ezami, u seta’ serva biex jevita ghal kollox il-procedura in ezami fl-istadju ta’ appell.

19. Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa’ l-appell ta’ l-intimat limitatament ghas-somma ta’ seba’ mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm745.00) u tikkundanna ghalhekk lill-appellata Yumei Zhang li thallas lill-appellant intimat Tabib Principali tal-Gvern dana l-ammont, bl-interessi mid-data ta’ din is-sentenza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ l-ewwel istanza jithallsu nofs bin-nofs bejn il-kontendenti, filwaqt li dawk relattivi ghal dana l-appell jithallsu interament mill-intimat appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------